**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 19a/2025 - Kontinwazzjoni**
**2 ta' Awwissu 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-10:00a.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

19a.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

19a.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19a.4.46 Is-Sindku irċiviet korrispondenza mingħand s-Sanita, WSC u l-Housing Authority li qed jiċċekjaw minn fejn dieħel l'ilma f'Apt 21, Block A, Triq il-Prinjoli, peress li l-ilma li dieħel mhux minn dawn l-entitajiet. Għalhekk il-HA talbu sabiex il-kuntrattur ma jsaqix għal madwar xahar sabiex jsibu minn fejn dieħel l-ilma.

19a.4.47 Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar talba sabiex jibdew jiġu provduti l-Incoming u Outgoing mail. Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-AKL u DLG (Annex 1) rigward din it-talba. Is-Sindku infurmat li hu impossibli li jiġu provduti l-emails kollha ta' kull xahar anke minħabba l-GDPR. Il-Kunsillier Sciberras ikkjarifika li bħala Kunsilliera għandhom dritt għal informazzjoni li jirċievi l-Kunsill, kif ukoll li l-amministrazjoni ta' qabel kienet tipprovdi l-incoming u outgoing mails li kienu jiġu mibgħuta mal-Agenda. Is-Sindku infurmat li ser niċċekjaw x'kien isir qabel u nippruvaw nibdewha mix-xahar li ġej.

**19a.4.48** Is-Sindku qrat korrispondenza li rċiviet mingħand ic-**China Medical Team** sabiex jingħataw Honorary Certificate bħala ringrazzjament tas-servizz li taw fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill approva.

**19a.4.49** Is-Sindku infurmat li l-Public Works ser iranġaw il-bankini u tingħata t-tarmac ta' **Triq l-Għansar** kollha.

**19a.4.50** Il-Kunsillier Sciberras talab fhix wasal ix-xogħol ta' manutenzjoni li kellhu jsir mir-**Reġjun**. Is-Sindku infurmat li sa issa għadu ma bediex x-xogħol u ser tibgħat tfakkira lir-reġjun.

**19a.4.51** Is-Sindku infurmat li c-CEO ta' IM infurmaha li ser jipruvaw jagħmlu **Triq Lellux** sabex jinbidlu s-servizzi kollha.

**19a.4.52** Il-Kunsilliera Debattista infurmat li Block 11, Door 12, Triq Gardenia għandhom il-madum tal-entrata ta' ġewwa qed jinqala. Is-Sindku infurmat li ser tibgħat rapport lill-**HA**.

19a.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**19a.5.1Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet fhix wasal ir-risk assesment dwar il-ħruq tan-nar tal-festi. Is-Sindku għaddiet il-korrispondenza lill-Kunsillier Sciberras peress li huwa responsabbli fuq l-ambjent. Il-Kunsillier Sciberras informa li ser jerġa jagħmel kuntatt mal-persuna li kellha l-irħas kwotazzjoni sabiex issir laqgħa.

**19a.5.2 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet fhix wasal il-proġett tal-bandli. Is-Sindku infurmat li wasalna fl-aħħar fażi tat-tender.

**19a.5.3 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet fhix wasal ir-restawr tat-telephone box. Is-Sindku infurmat li qegħdin f'kuntatt kontinwu mal-perit.

**19a.5.4 Il-Kunsillier Sciberras** talab għall-istatistika uffiċjali tal-popolazzjoni ta' Santa Luċija mingħand d-DG. Is-SE infurmat li d-DG għadu ma bagħatx l-informazzjoni, iżda din l-informazzjoni tista tiġi provduta mir-Reġistru Elettorali.

**19a.5.5 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif għad hemm dawl aċċessiv fi Ġnien is-Salib (Triq iċ-Ċinerarja). Is-Sindku infurmat li ftit tal-ġranet qabel iltaqgħet mal-HA fejn taw il-handover tal-Ġnien, u urew lill-ħaddiema tal-Kunsill kif jistgħu jimmodifikaw l-intesita.

**19a.5.6 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa fhix waslu l-bankijiet li kellhom jiġu installati bis-solar panels magħhom. Is-Sindku infurmat li ser tibgħat reminder lill-HA peress li għadha ma saritx u qed iġib il-kwotazzjonijiet sabiex meta tinħareġ skema napplikaw biex isiru bankijiet bis-solar panels.

**19a.5.7 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa fhix waslet il-petizzjoni ta' Triq Pensjeri. Is-Sindku irrispondiet li qed nistennew mingħand TM għall-kummenti tagħhom.

**19a.5.8 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa fhix waslet il-Call off ta' Triq Maria De Domenics. Is-Sindku infurmat li ġiet mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel l-emendi neċessarji li talab il-Kunsillier Sciberras fl-aħħar laqgħa.

**19a.5.9 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif baqa l-Kunsill dwar l-istatwa tas-Sur Vella Critien li kien talab li tiġi mixtrija mill-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-iskema li l-Kunsill applika għaliha ma ġietx approvata u sadanitant l-istatwa ġiet mibjugħa.

**19a.5.10 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa fhix waslet il-mozzjoni li kien ressaq dwar il-ħruġ minn Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li ġiet diskussa matul is-Seduta nru 19 u ser tagħmel kuntatt mal-Ministru sabiex issir laqgħa oħra.

**19a.5.11 Il-Kunsillier Sciberras** talab sabiex tiġi provduta l-lista tar-reserved parking bays sabiex tiġi updated eżempju jitneħħew minn miet. Is-Sindku infurmat li l-communal jridu jibqgħu hemm, u suppost il-familjari jridu jinfurmaw lill-TM f'każ ta' mewt.

**19a.5.12 Il-Kunsillier Sciberras** talab biex isir laqgħa mal-Cleansing Department fejn matul il-laqgħa ssir talba biex tibda tinħasel il-promenade kull ħmistax, li l-boroż tal-iskart jridu jinġabru dak inhar stess u jispjegaw kif qed jaħdmu bħala tindif f'Santa Luċija. Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-boroż tal-Cleansing humiex qed jiġu użatti mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku kjarifikat li l-boroż l-orange jintużaw mill-Cleansing biss u l-bins li hemm tabella tal-Cleansing fuqhom qed jitnaddfu mill-Cleansing. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li l-bins ta' ħdejn il-BCRS jiġu mnaddfa mill-Cleansing.

**19a.5.13 Il-Kunsillier Sciberras** talab li ssir kampanja edukattiva peress li ħafna sidien ta' klieb mhux jiġbru il-ħmieġ tal-annimali. Is-Sindku infurmat li tkelmet ukoll mar-Reġjun dwar din is-sitwazzjoni u talbet lill-Kunsillier Sciberass sabiexx jibgħat is-suġġerimenti tiegħu.

**19a.5.14 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif baqa l-kunsill dwar ir-rampa tal-van peress kienet ma taħdimx. Is-Sindku infurmat li l-van ser jittieħed għand technichian. Is-Sindku infurmat ukoll li għamlet talba lill-Community Workers Scheme sabiex il-Kunsill ikollu driver ieħor bit-tag sabiex is-servizz tal-van ma jieqafx. Il-Kunsillier Sciberras issuġeriexa li l-bieba tal-van tingħalaq b'mod awtomatiku. Is-Sindku infurmat li ser iġġib stima.

**19a.5.15 Il-Kunsillier Sciberras** talab li r-residenti jiġu mgħarfa mill-Community Police fejn għandhom jarmu il-borża organika ta' Triq Margeriti peress li dawn qed jiġu mgħormija fil-bins.

**19a.5.16 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa x'ser jiġri dwar il-parkeġġi ta' Triq Bice Vassallo. Is-Sindku infurmat li qed tistenna l-kummenti mingħand TM wara li ġiet mgħoddija l-petizzjoni lil TM. Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet li r-residenti jinżammu aġġornati.

**19a.5.17 Il-Viċi Sindku** staqsa fhix waslu t-toilets ta' ħdejn il-bandli peress li qed jitħallew miftuħa u maħmuġin. Is-Sindku infurmat li qed nitkellmu mal-kuntrattur u mal-perit peress li hemm xi issues pendenti.

**19.5.18 Il-Kunsilliera Debattista** talbet biex it-trasport tal-istudenti minflok isir lejn l-Universita issir lejn l-MCAST minħabba li għall-istudenti tal-Universita, hemm id-diretta tal-sptar. Il-Kunsill approva.

**19a.7 Mozzjoni - 03-2025 – Studju dwar il-Kapaċita' ta' tolleranza tal-Iżvilupp – Carrying Capacity**

Il-Kunsillier Sciberras issuġerixxa li fl-Agenda jibda jiġi mdaħħal it-titlu tal-Mozzjoni.

**Il-Kunsillier Sciberras** spjega li eżempju ċar ta' għalfejn għandu jsir dan l-istudju huwa minħabba l-area li tinsab Triq Katarina Vitale (Sqaq iż-Żiemel). Dan it-tip ta' studju huwa bżonnjuz għax juri kull lokalita' x'tifħlaħ eż sistema ta' drenaġġ, dawl, eċċ.

**Is-Sindku** infurmat li l-Gvern ġa qed jaħdem fuqu. Infurmat ukoll li r-Reġjun Nofsinhar ipprepara studju simili tal-Carrying Capacity permezz tas-Social Impact Assessment għat-12-il lokalita tiegħu, li jinkludi Santa Luċija. Din il-link ser titella' anke fuq il-facebook page tal-Kunsill. Dan ir-rapport juri li l-popolazzjoni f'Santa Luċija naqset u l-maġġoranza tar-residenti huma Maltin. Is-Sindku infurmat li bħala Kunsill ġa qed jappella mal-awtoritajiet minħabba l-għoli tal-binjiet.

**Il-Viċi Sindku** ma kellux kummenti x'jgħaddi.

**Il-Kunsilliera D'Amato** qablet mal-kummenti tas-Sindku u ma kellix iżjed kummenti.

**Il-Kunsilliera Debattista** ikkjarifikat ukoll li l-Carrying Capacity huwa studju wkoll dwar l-ambjent, kultura, l-edukazzjoni.

**Il-Kunsillier Sciberras** spjega li s-Social Impact Assessment u l-Carrying Capacity huma differenti, peress li hemm diversi aspetti mhux imsemmija. Il-Kunsillier Sciberras għalaq billi informa li l-Carrying Capacity huwa essenżjali sabiex lokalita' taħdem aħjar.

Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato ivvotaw kontra u l-Kunsillier Sciberras u Debattista approvaw favur. Għalhekk din il-mozzjoni **ma ġietx approvata.**

**19a.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-11.20am u is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu 2025 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 26 ta' Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |